

32000R0827

26.4.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 101/21

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 827/2000

tal-25 ta' April 2000

li jemenda r-Regolament (EC) Nru 2461/1999 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1251/1999 f'dak li jirrigwarda l-użu ta' art imwarrba għall-produzzjoni ta' materja prima għall-manifattura fil-Komunità ta' prodotti mhux primarjament maħsuba għall-konsum uman jew ta' l-annimali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jstabbilixxi sistema ta' sostenn għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament (EC) Nru 2704/1999⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) L-ewwel subartikolu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (EC) Nru 1251/1999 jipprovdi illi art imwarrba tista' tiġi wżata għall-produzzjoni ta' materja prima għall-manifattura fil-Komunità ta' prodotti mhux primarjament maħsuba għall-konsum uman jew ta' l-annimali, sakemm ikunu applikati sistemi ta' kontroll effettivi.
- (2) Biex żgur tkun konformi mal-punt 7 tal-Memorandum ta' Ftehim dwar żerriegħa taż-żejt bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fi ħdan il-qafas tal-GATT, kif approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/355/EEC⁽³⁾, it-tielet subartikolu ta' l-Artikolu 6(3) Tar-Regolament (EC) Nru 1251/1999 jipprovdi li jekk il-kwantita' ta' prodotti sekondarji għall-użu ta' għalf u ikel l x'aktarx isiru disponibbli bħala riżultat tal-koltivazzjoni taż-żerriegħa taż-żejt fuq art imwarrba skond l-ewwel subartikolu ikun jeċċedi, fuq il-bażi tal-kwantitajiet previsti koperti b'kuntratti magħmula ma' produtturi, miljun tunellata metrika fis-sena espress fl-ekwivalenti ta' mżiewet tas-soya midħuna, biex tiġi limitata għall-kwantità ta' miljun tunellata metrika, l-ammont tal-kwantità prevista skond kull kuntratt, li tista' tiġi wżata għall-użu ta' għalf jew ikel, għandha titnaqqas.
- (3) Biex ikunu jistgħu jiġu mplimentati r-regoli mniżżla fit-tielet subartikolu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (EC) Nru 1251/1999, is-sistema ta' munitra[[għall-istima tal-kwantita' ta' prodotti sussidjarji, introdotta bir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 2461/1999⁽⁴⁾, għandha tkun amplifikata.
- (4) Huwa meħtieġ ukoll li jiġi definit il-metodu ta' kalkolazzjoni li għandu jiġi wżat mill-Kummissjoni bħala parti mis-sistema ta' munitra[[u biex tiġi ntrrodotta proċedura għall-iffissar tal-koeffiċjent għat-tnaqqis tal-kwantitajiet ta' prodotti sussidjarji maħsuba għall-użu ta' għalf jew

ikel li għandhom jiġu applikati għal kull kuntratt meta l-limitu ta' miljun tunnellata jinqabeż. F'din is-sitwazzjoni, il-kontenut pur ta' proteina huwa l-fattur deċiżiv biex jiġi stabbilit il-metodu ta' kalkolazzjoni.

- (5) Biex jiġi żgurat li l-kwantita' massima ta' prodotti sussidjarji maħsuba għall-konsum ta' l-annimali jew dak uman ma jinqabiżx, huwa meħtieġ kontroll dwar il-kwantitajiet ta' prodotti sussidjarji li jmorru għal swieq mhux tal-għalf jew ta' l-ikel, li għandha tiġi provduta mar-rilaxx tal-garanzija magħmula mill-kollektur jew l-ewwel proċessur.
- (6) Biex ikunu jistgħu jsiru verifiki effettivi dwar il-konformita' mal-ħtieġa li ma jinqabiżx il-limitu ta' miljun tunellata, huwa meħtieġ li jiġi mpost limitu ta' żmien biex jiġu allokati l-kwantitajiet ta' bi-prodotti maħsuba għall-swieq mhux tal-għalf jew ta' l-ikel.
- (7) Ir-regoli l-ġodda dwar is-sostenn ta' żvilupp rurali addottati fl-1999 m'għadhomx jeskludu espressament għajnuna agri-ambjentali għall-art li tikkwalifika skond l-arranġamenti tal-Komunità għal art imwarrba li tiġi wżata għat-ktabbir ta' wċuh mhux għall-għalf jew għall-ikel. Fl-interess tal-konsistenza, għandhom jiġu addottati dispożizzjonijiet li jkunu jipprojbixxu l-aggregazzjoni ma' skemi ta' sosten oħra tal-Komunità.
- (8) Minn mindu ġie ppubblikat il-Memorandum ta' Ftehim fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fl-1993, operaturi huma meqjusa li jkunu konxji tal-kontenut tiegħu minn dik id-data. Minħabba t-theddida li l-limitu ta' miljun tunellata jista' jinqabeż fis-sena kummerċjali 2000/01, huwa meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament għall-kuntratti kollha konklużi dwar dik-is-sena kummerċjali.
- (9) Il-miżuri mniżżla f'dan ir-regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 327, tal-21.12.1999, p. 12.⁽³⁾ ĠU L 147, tat-18.6.1993, p. 25.⁽⁴⁾ ĠU L 299, ta' l-20.11.1999, p. 16.

Ir-Regolament (EC) Nru 2461/1999 qiegħed b'dan jiħi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 4(4) qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"4. Meta l-kuntratti dwar żerriegħa tan-nevew, żerriegħa tal-kolza, żerriegħa tal-ġirasol jew miżwet tas-soya koperti bil-kodiċi CN ex 1205 00 90, 1206 00 91, 1206 00 99 jew 1201 00 90, l-applikanti għandhom jiżguraw illi, b'żieda mat-tagħrif meħtieġ skond il-paragrafu 2, għandhom jispeċifikaw it-total tal-kwantita' mistennija ta' prodotti sussidjarji u l-kwantita' mistennija ta' prodotti sussidjarji maħsuba għall-użi oħra għajr dawk ta' konsum uman jew ta' l-annimali, skond l-ispeċi fiż-żewġ każi.

Il-kwantitajiet għandhom ikunu kalkolati fuq il-bażi tal-proporzjonijiet li ġejjin:

- (a) 100 kilogramma ta' żerriegħa tan-nevew u/jew żerriegħa tal-kolza koperti bil-kodiċi CN 1205 00 90 għandhom ikunu meqjusa ekwivalenti għal 56 kilogramma ta' prodott sussidjarju;
- (b) 100 kilogramm ta' żerriegħa tal-ġirasol koperta bil-kodiċi CN 1206 00 91 jew 1206 00 99 għandhom jitqiesu ekwivalenti għal 56 kilogrammi ta' prodott sussidjarju;
- (ċ) 100 kilogramm ta' mżiewt tas-soya koperti bil-kodiċi CN 1201 00 90 għandhom jitqiesu ekwivalenti għal 78 kilogrammi ta' prodott sussidjarju."

2. L-Artikolu 14 qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 13, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena li fiha tinħasad il-materja prima, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom jirreferi l-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-kwantita' totali ta' kull speċje ta' bi-prodotti maħsuba għall-konsum uman jew dak ta' l-annimali li jirriżultaw mill-kuntratti li għalihom jipprovdi l-Artikolu 4, li jkunu jkopru żerriegħa tan-nevew, żerriegħa tal-kolza, żerriegħa tal-ġirasol u mżiewt tas-soya li jaqgħu taħt il-kodifiki CN ex 1205 00 90, 1206 00 91, 1206 00 99 u 1201 00 90.

2. Fuq il-bażi tat-tagħrif provdut skond il-paragrafu 1, il-Kummissjon għandha tikkalkola l-kwantita totali prevista ta' prodott sussidjarji għall-konsum uman u dak ta' l-annimali, espress f'termini ta' ekwivalent ta' mżiewt tas-soya midħuna, bl-applikazzjoni tal-metodu bażat fuq il-koeffiċjenti li ġejjin:

- kejk tas-soya: 48 %,
- kejk tal-kolza: 32 %,
- kejk tal-ġirasol: 28 %.

Jekk, bħala riżultat tal-kalkolazzjoni magħmula skond l-ewwel subartikolu, il-Kummissjoni ssib li jinqabeż il-limitu ta' miljun tunellata ta' prodott sussidjarju maħsuba għall-użu ta' l-ikel jew dawk tal-għalf, għandha tiffissa, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena li fiha tinħasad il-materja prima, il-perċentwali ta' tnaqqis li għandu jkun applikat għal kull kuntratt, biex tiġi kalkolata l-kwantita' massima ta' prodott sussidjarji għall-konsum uman u dak ta' l-annimali."

3. L-Artikolu 15(4) qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"4. Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata fuq bażi ta' proporzjon bil-kondizzjon li l-awtorita' kompetenti tal-kollettur jew l-ewwel proċessur konċernat ikollu fil-pussess tagħha il-provi:

- (a) illi l-kwantita ta' meterja prima in kwistjoni kienet għet proċessata skond il-ħtiġijiet imniżżla fl-Artikolu 4(2)(f), fil-waqt li jittieħed kont, fejn meħtieġ, ta' kull tibdil skond l-Artikolu 8; u
- (b) meta l-kuntratti jkunu dwar iż-żerriegħa tan-nevew, żerriegħa tal-kolza, żerriegħa tal-ġirasol jew imżiewt tas-soya koperti bil-kodiċi CN ex 1205 00 90, 1206 00 91, 1206 00 99 jew 1201 00 90 u l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 14(2) tkun tapplika, illi l-kwantita' ta' bi-prodotti li tkun teċċedi l-kwantita' massima għall-konsum uman jew dak ta' l-annimali tkun sabet swieq oħra barra minn dawk tal-għalf jew ta' l-ikel."

4. L-Artikolu 16(2) qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Dan li ġej għandu jkun jikkostitwixxi ħtiġijiet primarji skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar- REGOLAMENTO (EEC) Nru 2220/85:

- (a) l-obbligu li jiġu proċessati l-kwantitajiet ta' materja prima prinċipalment fil-prodotti finali speċifikati fil-kuntratt;
- (b) meta l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 14(2) tkun tapplika, l-obbligu li jinstabu swieq oħra minn barra dawk tal-għalf u ikel għall-kwantitajiet ta' prodott sussidjarji li jkunu jeċċedu il-kwantita massima għall-konsum uman jew dak ta' l-annimali.

L-ipproċessar f'wieħed jew aktar mill-prodotti finali speċifikati fl-Anness III għandu jitwettaq sal-31 ta' Lulju tat-tieni sena li tiġi wara s-sena li fiha l-applikant jaħsad l-materja prima. Meta l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 14(2) tkun tapplika, l-egħluq tal-limitu taż-żmien għandu jiġi osservat ukoll għal bejgħ fi swieq oħra minn barra dawk tal-għalf u ta' l-ikel tal-kwantita' ta' prodott sussidjarji li tkun teċċedi il-kwantita' massima għall-konsum uman jew dak ta' l-annimali."

5. Il-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 25 qiegħdin jiġu mibdula b'dan li ġej:

"(a) l-iffinanzjar mis-Sezzjoni tal-Garanziji tal-Gwida Agrikola u tal-Fond ta' Garanziji Ewropea skond l-Artikolu 1(2)(a) u (b) tar-Regolament (EC) Nru 1258/1999;

(b) Għajnuna tal-Komunità kif provdut fil-Kapitolu VIII tar-regolament (EC) Nru 1257/1999 bl-eċċezzjoni tas-sostenn dwar in-nefqa taż-żerriegħa ta' speċji li jikbru malajr li dwarhom jipprovdi t-tieni subartikolu ta' l-Artikolu 31(3) tiegħu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum li jiġi wara dak li fiħ jiġi ppublikat il-Ġazzetta Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jkun japplika għall-kuntratti kollha mitmuma dwar is-sena kummerċjali 2000/01 u dawk li jiġu wara, irrispettivament mid-data ta' meta jintemmu.

Minkejja l-paragrafu preċedenti, l-emendi għall-Artikoli 4(4) u 14(1) tar-Regolament (EC) Nru 2461/1999 li għalih jipprovdni dan ir-Regolament għandhom ikunu japplikaw għall-kuntratti mitmuma dwar is-sena kummerċjali 2001/02 u dawk li jiġu wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' April 2000.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni
